**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 12/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 12 ta' Novembru 2024 |
| **Ħin:** | 5:54pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (mis-6:32pm)
Enya Abela - Kunsilliera
Christian Attard - Kunsillier (Skużat)
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (Mis-6:04pm)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**12.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**12.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**12.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**12.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**12.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**
**12.06** **Triq -Bugħarbiel;**
**12.07** **Proġett Ġebel San Martin;**
**12.08** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**12.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**12.10** **Mozzjonijiet; u**
**12.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Sindku | Is-Sindku qabel bdiet il-laqgħa talbet li ssir minuta silenzju għal ex-kunsillier Generoso Abdilla li ħalla din id-dinja. | |

**12. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija tas-Sur Attard minħabba raġunijiet personali. | Segretarju Eżekuttiv |

**12. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Sindku | Il-Minuti 11/24 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korezzjonijiet. | |
| | 11.03.04 | Camilleri | korrezzjoni fil-kelma dan. | Camilleri |
| | 11.11.05 | Camilleri | korrezzjoni fil-kelma ġejjien. | Camilleri |
| | 11.04.04 | Aquilina: Lapida fi Triq il-Pres. Anton Buttiġieġ. | Aquilina iċċara li Attard ressaq proposta sabiex il-kunsill jagħti permess biex din issir. | Aquilina |
| | 11.02.10 | Aquilina: Grupp Folklor | Aquilina qal li din kienet għal Grupp Folkloristiku li issa ser issir fit-12 ta' Diċembru | Aquilina |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**12. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 2 | 11.02.03 | Giardina: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Giardina qal li l-vetturi xorta għadhom jaqsmu wrong way. Is-Sindku qalet li qed issir pressjoni fuq TM u l-Ministeru sabiex dan jiġi rranġat. | Giardina |
| 12. | 2 | 3 | 11.02.10 | Sindku: Kunċert tal-Milied | Is-Sindku staqsiet sabiex jingħata update dwar dan. Aquilina qal li ser jiftħu l-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni tal-presepji li ser tkun €10, il-preparazzjonijiet għal kunċert tal-Milied għaddejjien ukoll u dawn ser jinkludu lis-Soċjeta' Santa Katarina V.M. Banda Żejtun u lill-Organista Caruana. Ser isir re-enactment tal-Gran Mastru. Ġab permess mill-Arċipriet dwar dan. It-talba mill-latin ser tinqaleb għal malti.<br>Reġa fakkar li Ġieh Karlu Diacono ser jingħata waqt Ġieh iż-Żejtun. | Aquilina |
| 12. | 2 | 4 | 11.02.14 | Camilleri: Ibins | Camilleri qalet li din il-laqgħa għadha ma saritx. | Caruana Roderick |
| 12. | 2 | 5 | 11.03.04 | Aquilina: Laqgħa mas-surmast | Aquilina qal li wara li saret il-laqgħa, is-surmast qalilna li ser jikteb il-Ministeru sabiex jipproponu li jibda t-tindif u jsir fence sabiex is-sit jiġi protett. | Aquilina |
| 12. | 2 | 6 | 11.03.12 | Sindku: Tilqima | Is-Sindku qalet li sibna tabib u diġa irreġistraw 220 resident. Din ser tingħata fil-berġa. Dawk li ma jistgħux joħorġu minn darhom qed jittieħdu d-dettajli wkoll tagħhom. | Sindku |
| 12. | 2 | 7 | 11.03.14 | Sindku: Kameras fil-ġonna | Is-Sindku qalet sabiex noqgħodu attenti ħafna lil min nuru dawn il-filmati. | Sindku |
| 12. | 2 | 8 | 11.03.15 | Sindku: Ittra legali | Is-Sindku qalet li s'issa m'hemmx żviluppi dwar dan. Qed niġru wara l-Lands Department għal tweġiba dwar din l-art in kwistjoni. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 9 | 11.04.03 | Sindku: Vann għal-ġardinara | Is-Sindku staqsiet dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad irid jinħareġ it-tender. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 10 | 11.05.03 | Caruana Raymond: Problema bil-Maltapost fi Triq id-Duluri | Caruana Ray qal li reġa' tkellem magħhom rigward il-ħmieġ li qed jitħalla. | Caruana Ray |
| 12. | 2 | 11 | 11.05.05 | Camilleri: Studenti franċiżi | Camilleri qalet li dawn ippreparaw il-pjanta ta' Ġnien iċ-Ċrieki u Ġnien iż-Żgħożija. Saret preżentazzjoni dwar dan qabel telqu. | Camilleri |
| 12. | 2 | 12 | 11.06.01 | Aquilina: Ġardinar | Aquilina talab update dwar dan. Is-Segretarju qal li dan talab parir mid-Dipartiment u qalulna sabiex nieħdu parir mingħand avukat. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 2 | 13 | 11.10.01 | Sindku: *Tipping fees* | Is-Sindku qalet li bħalissa qed inħallsu mal-€5000 iżjed fix-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellhom laqgħa flimkien mas-Sindku u l-Viċi-Sindku mar-Reġjun, pero l-kuntrattur ma ġiex għal din il-laqgħa u progress dwar dan ma kellniex. | Sindku/ Segretarju Eżekuttiv |
| 12. | 2 | 14 | 11.11.02 | Camilleri: Christmas Market | Camilleri qalet li dan ser isir fit-12 ta' Diċembru mis-7pm l-quddiem. Żiedet li ser tiġi nkorporata l-banda folkloristika li ssureġixxa Aquilina. | Camilleri / Aquilina |
| 12. | 2 | 15 | 11.11.03 | Camilleri: Borża ta' San martin | Camilleri qalet li din kienet suċċess. Ser jiġi muri feature dwar dan fuq TVM fil-25 ta' Novembru. | Camilleri / Sindku |
| 12. | 2 | 16 | 11.11.04 | Camilleri: Halloween | Camilleri qalet li l-attivita' kienet suċċess u kien hemm diversi attivitajiet u logħob. Kien hemm tifħir kbir dwar dan. | Camilleri / Sindku |
| 12. | 2 | 17 | 11.11.05 | Camilleri: Żjara minn studenti | Camilleri qalet li dan ma seħx minħabba nuqqas kbir ta' żebbuġ sabiex setgħat issir. | Camilleri |
| 12. | 2 | 18 | 11.11.06 | Abela: Dental Unit | Abela qalet li dan ser iżurna għada. Wara li tlabna update min naħa tagħhom, dawn ikkonfermawlna lbieraħ stess. Ser isiru check ups b'xejn. | Abela |
| 12. | 2 | 19 | 11.11.07 | Sindku: Weekend Break | Is-Sindku qalet li dan dalwaqt isir u bħalissa għaddej l-ibbukjar. | Sindku |
| 12. | 2 | 20 | 11.11.08 | Sindku: Ħarġa sax-Shorline | Is-Sindku qalet li din kienet suċċess. | Sindku |
| 12. | 2 | 21 | 11.11.09 | Sindku: Pantomima | Is-Sindku qalet li min ser jattendi għandu jitkellem magħha ħalli żżomm il-postijiet meħtieġa. | Sindku |
| 12. | 2 | 22 | 11.13.01 | Aquilina: Monument fid-daħla taż-Żejtun | Aquilina talab update dwar dan. Is-Sindku qalet li l-familjari għadna ma kellimnijomx. Ser nitkellmu magħhom u naraw huma x'jaħsbu. | Sindku |

**12 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/24. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 1 | | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li ġie fuq il-post l-inġinier mill-WSC sabiex jara l-points tan-new water fejn l-aħjar li jsiru. Qalet ukoll li hemm gaffa abbandunata u din ser tiġi eliminata. | Sindku |
| 12 | 3 | 2 | | Sindku: Vjal Kulħadd | Is-Sindku qalet li x-xogħol minn IM qed jitkompla fi Triq Ħaż Żabbar. Kellmuha residenti rigward il-ħitan tas-sejjiegħ u spjegatilhom x'ser isir eżatt. Ġibdet l-attenzjoni sabiex tiġi rranġata l-problema fejn qed iżomm l-ilma n-naħa ta' Ħaż Żabbar. Il-Viċi-Sindku staqsa rigward il-bankina u din ser issir ukoll fuq naħa waħda. It-triq ser tibqa' two ways. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 3 | | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li din reġat ġiet diskussa. Qalet li ser terġa ssir it-tabella 'No entry for Heavy Vehicles except Public Transport'. Qalet li ukoll li flimkien ma' Attard tkellmu sabiex jibqgħu jagħddu biss żewġ rotot minn ħamsa li huma l-84 u 206, peress li l-oħrajn jistgħu jidħlu mill-Vjal 25 ta' Novembru dirett.<br>Permessi oħra sabiex jgħaddu jiġu mill-kunsill. | Sindku |
| 12 | 3 | 4 | | Sindku: Żjara minn anzjani professjonisti | Is-Sindku qalet li ġew iżuruna dawn il-professjonisti fejn ġew imdawwra mal-kunsill waqt laqgħa ta' kortesija u madwar iż-Żejtun fosthom l-iskola, l-każini tal-banda u għaqdiet. | Sindku |
| 12 | 3 | 5 | | SPI/SCI/8/2024 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025 | Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li napplikaw għall-fondi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12 | 3 | 6 | 07 | TM: Triq il-Labour | Aquilina qal li għandhom isiru tabelli tal-speed limit. Is-Sindku qalet li qed nistennew l-approvazzjoni minn TM għal zebra crossing ukoll. | Sindku |
| 12 | 3 | 7 | 11 | Sindku: Triq il-Kbira | Is-Sindku qalet li tlabna għal junction box u din ġiet approvata u saret. Qed naraw fejn jistgħu isiru spazji ta' żewġ parkeġġi. Għal dawn ser inġibu approvazzjoni ta' TM. | Sindku |
| 12 | 3 | 8 | 10 | PD Security - kwotazzjoni | Ġiet imressqa kwotazzjoni għal kamera. Peress li l-prezz huwa għoli ma kinx hemm qbil li jsir dan. Ser naraw kwotazzjonijiet oħra. Il-Viċi-Sindku saħaq li jridu jiżdiedu kameras fuq żoni fejn qed jintefa l-iskart b'mod illegali. | Segretarju Eżekuttiv |

**12. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 4 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar mistoqsijiet imressqa. | |

**12. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 5 | 1 | | Giardina: Tisbiħ fil-pjazzez u roundabouts | Giardina issuġerixxa li għandhom jissebħu żoni bħal pjazza u roundabout billi jinxtraw pots għal siġar u fjuri u anke jitħawwlu fjuri fir-roundabouts. Ser naraw kif dan jista' jsir. | Sindku |
| 12 | 5 | 2 | | Giardina: Periklu fejn l-iksola sekondarja | Giardina qal li hemm bżonn naraw kif tista' titrażżan u tissolva l-problema ta' parkeġġ ħażin waqt il-ħinijiet tal-iskola. | Sindku |
| 12 | 5 | 3 | | Abela: Zebra Crossing fi Triq Sir Paul Boffa | Abela staqsiet dwar iz-zebra crossing f'din it-triq. Din jidher li m'hemmx approvazzjoni għaliha minn TM. Kien hemm qbil li din għandha titneħħa. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 5 | 4 | Abela: Bankijiet fil-pjazza | Abela resqet għall-attenzjoni tal-kunsill problema li resident f' Misraħ Gregorio Bonici qed jaffaċċja. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dawn jibqgħu fejn huma peress li dawn ilhom imwaħħla hemm qabel ġie joqgħod hu. | Abela |
| 12 | 5 | 5 | Sindku: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li kellhom laqgħa mal-kuntrattur. Ser napplikaw għal meters temporanji u t-tiżjin hemm il-ħsieb li jixgħel fl-1 ta' Diċembru. | Sindku |
| 12 | 5 | 6 | Caruana Ray: Misraħ Ħal Tmin | Caruana Ray qal li dan id-dawl dalwaqt jixgħel peress li l-Arms qed tipproċessa l-applikazzjoni wara dewmien. | Caruana Ray |

**12. 6. Triq -Bugħarbiel;**

| Riferenza | | | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. | 6. | 1 | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li l-ewwel laqgħa mar-residenti saret fil- 11 t'Ottubru. Ġie preżentat il-pjan kif qed nipproponu bħala kunsill. Jidher li l-maġġoranza qed taqbel bi ftit tibdiliet żgħar. Ser issir laqgħa oħra fit-18 ta' Novembru sabiex jiġi diskuss iktar dwar dan. It-toroq li ser isiru One-Way huma Triq Bugħarbiel, Triq Santu Wistin, Triq Felice Abela u Triq Mikiel Cachia. Kif jiġi konklus dan il-proċess ngħaddu l-pjan għall-approvazzjoni ta' TM. | Sindku |

**12. 7. *Proġett Ġebel San Martin;***

| Riferenza | | | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 7 | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li saret laqgħa għar-residenti u kull ma ġiet persuna waħda. Il-proġett ser jitmexxa hekk kif propost. | Sindku |

**12. 8. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 1 | Sindku | Wara diskussjoni sar qbil li l-bibita tal-Milied issir fl-20 ta' Diċembru fis-sala tal-binja tal-kunsill. | |
| 09. | 8. | 2 | Camilleri: Roti għal iskola | Camilleri qalet li fil-11 ta' Diċembru ser issir l-attivita' tal-istudenti bir-roti tal-iSkola Primarja A, B u Sekondarja. Ser ikollna l-assistenza tal-pulizija tal-komunita'minn tlett żoni li ser jitilqgħu minnhom. | Camilleri |
| 09. | 8. | 3 | Camilleri: School Grannies | Camilleri qalet li għada ser toħroġ is-sejħa għal school grannies. | Camilleri |
| 09. | 8. | 4 | Sindku: Żjara fil-MICAS | Is-Sindku qalet li ser tieħu l-adulti sabiex iżuru l-MICAS. Ser tinstab ġurnata għal dan. | Sindku |
| 09. | 8. | 5 | Sindku: Party tal-Milied Kids Club | Is-Sindku qalet li għal sena oħra ser jerġa jsir il-party tal-Milied għal dawk li jattendu l-Kids Club. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 6 | | Sindku: Ġurnata Għawdex | Is-Sindku qalet li hemm ippjanata ġurnata Għawdex fosthom żjara fil-presepju t'Għajnsielem. | Sindku |

**12. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 12. 11. 3 | | *Petty Cash* - Ottubru 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €225.62. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | District Operations Ltd | Ġie mressaq għall-approvazzjoni pagament lid-District operations li jammonta għal € peress li ma laħħaqx jiġi inkluż fl-iskeda ta' pagamenti.<br>Dan ġie approvat unanimament. | |

**12 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**12 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:34pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Joan Agius
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv